**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1094/97

Joseph Muscat

vs

Commander Armed Forces of Malta u b'digriet tat-22 ta' Frar 2001 gie sostitwit bil-kliem Kap Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta.

Illum 6 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju, 1987 u l-15 ta' Mejju, 1995, u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1989 u l-1993 huwa sofra ingustizzja f' li ma nghatax promozzjonijiet li kien jikkwalifika ghalihom

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej :-

Dahal fl-Armata ta' Malta fl-1958, bhala Gunner.

Fl-1989, meta kien jokkupa r-rank ta' Staff Sergeant, kienu hargu promozzjonijiet ghall-Warrant Officers 2. Hu ma nghata l-ebda promozzjoni izda nqabez minn ohrajn li ma kellhomx kwalifikazzjonjiet, esperjenza u seniority daqsu.

Fl-1993, kienet regghet harget promozzjoni wahda biss ghal Warrant Officer 2 u hu rega' gie maqbuz f' din il-promozzjonijiet ghal darba ohra minn wiehed li ma kellux seniority daqsu.

Li kieku hu ma nqabizx f' dawn il-promozzjonijiet, billi hu ghandu l-kwalifikazzjonijiet necessarji kollha, kieku llum qieghed jokkupa r-rank ta` Warrant Officer 2.

Ghaldaqstant hass li gie mtellef l-opportunita` li javvanza fil-karrieri tieghu ngustament u minhabba t-twemmin politiku tieghu u b' hekk sofra danni morali u finanzjarji.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatt li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-

promozzjonijiet kollha li gie mtellef, b'lura mid-dati li hargu, u li jigi kkumpensat ghal dak kollu li tilef ingustament, kif tiddeciedi l-Qorti, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f' ammont ta' LM.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta, illi eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti:

Illi kemm fil-promozzjonijiet ta' l-1988 u dawk ta' l-1992, dawk il-persuni li gew promossi kellhom kwalifiki ahjar minn dawk tar-rikorrent.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Fit-8 ta' Frar 2000 it-Tribunal iddikjara ruhu inkompetenti dwar il-provi tal-1992 wara li xehed ir-rikorrent u semma li dwar l-aspett tal-ilment riferibbli ghall-1992 kien mar quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji.

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Semma li bhala 'trade' kellu B1 Storeman, B3 Cook u B3 Driver. Education kellu 3rd class u partijiet mis-2nd Class. Kien diga ghamel ukoll il-'cadre course', zmien qabel circa fl-1963. Illi xoghlu kien bhala l-'Quarter Master' tal-'Air Squadron' u dan ifisser illi kien responsabbli mill-'istores kollha li kien hemm fl-'Air Aquadron' u li jirrigwardaw l-'aircrafts' tal-AFM. Dan kien xoghol ta' responsabbilta' kbira u kien jiehu hsieb 'equipment' u affarijiet ohra li jiswew eluf kbar ta' liri. F'dan iz-zmien kollu la qatt kien hemm xi kaz ta' serq jew ta' xi affarijiet nieqsa. Dam jaghmel dan ix-xoghol ghal madwar 25 sena shah.

Fil-kors ta' dmirijiet kemm ilu membru tal-AFM qatt ma kellu ebda rapporti negattivi kontra tieghu u dejjem qeda dmiru bl-ahjar mod possibbli u bl-ikbar serjeta' u diligenza, tant li inghata l-'Long Service and Good Conduct Medal' fil-31 ta' Marzu 1992.

Sostna li dejjem gie rrakkomandat ghall-promozzjonijiet mill-'officers commanding' kollha illi kien serva tahthom fosthom Major Galea, (illum) Colonel Vassallo u Major Smith. Hu spicca mill-Forzi Armati ta' Malta fl-1998 wara li ghalaq il-61 sena.

Ir-rikorrenti in kontro ezami xehed li propjament mhux Quartermaster kien izda chief storeman. Ikkonferma li fl-1988 bhala education kellu Third Class u kien beda jahdem fuq is-Second ghalkemm qatt ma gabu kompletament is-Second Class. Ikkonferma li Mario Mizzi kellu Class 1 Education u li kien Aircraft Engineer.

Lt. Col. Mario Schembriipprezenta l-iskeda tal-promozzjonijiet li nhargu b' effett mill-11 ta' Mejju 1988, dak iz-zmien fil-Forza Task Force li kienet indipendenti mill-Armata, mir-rank ta' Staff Sargeant ghal Warrant Officer 2. Isem ir-rikorrent jidher it-tielet wiehed mill-ahhar mhux ghax ha l-promozzjoni imma biex juru postu li kieku ha l-promozzjoni dak in-nhar. Jidher li tnejn kienu li qabzuh, Staff Sargeant Mifsud u Staff Sargeant Vella. It-tnejn ghandhom Class of Education aktar mir-rikorrent u ekwivalenti jew ftit anqas fir-rigward ta' Trades.

Ir-rikorrent illum spicca mill-Forzi Armati, fil-fatt spicca fit-23 ta' Gunju 1998 meta lahaq l-eta` ta' 61 sena. Ma jidhirx li kellu xi passi dixxiplinarji kontrieh fir-records. Ghar-rigward tar-records tas-sick ma hemm xejn barra min-normal. Kellu trades ta' Storeman Technical B1 li hija l-oghla grad f' dik it-trade, Driver B3 li hija l-anqas grad f' dik it-trade u ta' Kok B3 li hija l-

anqas grad f' dak it-trade. Ir-rikorrent kien jahdem bhala Storeman fl-Squadron tal-Helicopters. Storeman B1 huwa Storeman tajjeb hafna. Fl-1988 it-Task Force kellha promozzjonijiet ghaliha ghax kienet separata mill-bqija tal-Armata.

**KONKLUZJONIJIET**

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Irrizulta li r-rikorrent kien bniedem kapaci u kienu qabzuh tnejn minn nies bhala seniority - Staff Sargeant Mifsud u Staff Sargeant Vella. It-tnejn kellhom Class of Education aktar mir-rikorrent u ekwivalenti jew ftit anqas fir-rigward ta' Trades. Infatti huma kellhom Class 2 Army Certificate of Education waqt

li r-rikorrent kellu Class 3.  Ghalhekk it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja mar-rikorrent meta ma nghatax il-promozzjoni ghax l-ohrajn kienu aktar kwalifikati minnu akademikament. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.